MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 2302/2003

**Grech Charles (ID 259471M)**

**Vs**

**Carbonaro Clint**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1499.92 (elf erba` mija disgha u disghin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-7 ta' Settembru 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Dikjarazzjoni li il-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li gara l-Imsida fis-7 ta' Settembru 2003 bejn Mitsubishi nru DBA 272 misjuqa mill-attur u Skoda Favorit nru DAK 195 misjuqa mill-konvenut u kundanna lill-

konvenut li jhallas, in linea ta' danni, quantum ta' Lm1499.92c.

Bl-ispejjes, komprizi Lm23 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-AVVIZ kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda gara unikament htija ta' Charles Grech xufier tal-vettura nru. DBA 272.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-enfasi maghmula mill-attur f'din il-kawza mhux ta' kemm kienet limitata ghar-responsabbilta` o meno tal-kollizjoni izda fuq il-punt li gara wara l-istess kollizjoni ossia certi fatti li ssuccedew wara l-istess kollizjoni.

Hija sintomatika x-xhieda ta' missier il-konvenut Joe Carbonaro li xehed fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2006 kien hu li ha hsieb kollox wara l-kollizjoni w iccekkja mas-socjeta` assiguratrici tieghu wara l-incident.

Wara li l-attur tkellem ma' l-Ufficjal inkarigat tas-socjeta` John Cassar tas-socjeta` Elmo Insurance Agency Ltd, is-socjeta` assiguratrici tal-konvenut huwa gie mghoti r-ragun ghall-istess kollizjoni. Di fatti missier il-konvenut ha l-izbrigu li jmur ma' l-attur ghand il-panel beater tieghu biex jaraw xi hsarat kien hemm.

Huma kienu disposti li jhallsu l-hsara ta’ l-istess attur fil-vettura tieghu. Kien meta illi l-ammont ta’ hsara nvolut kien jeccedi l-hsibijiet taghhom li kellhom f’mohhom li involvew u regghu marru lura ghand is-socjeta` assiguratrici. Meta s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut giet rinfaccjata bl-ispiza nvoluta ghar-riparazzjoni tal-vettura attrici u wara d-debita ispezzjoni tas-surveyor taghhom kien f’dak il-mument illi huma rrinnegaw l-assunzjoni tar-responsabbilta` “a tempo vergine” u cahdu l-istess responsabbilta` liema cahda wasslet ghall-odjerni proceduri.

M’huwiex sintomatiku minn tali socjeta` assiguratrici li tagixxi b’dan il-mod. Huwa sintomatiku pero` li l-ebda parti ma pproduciet l-istess ufficjal ta’ l-istess socjeta` biex jaghti x-xhieda tieghu. Tali agir m’ghandux ikun ossia li l-ewwel tigi assunta r-responsabbilta` imbaghad sussegwentement minhabba l-ispiza nvoluta din ir-responsabbilta` tigi michuda. Tali nvestigazzjoni messha saret mill-ewwel qabel ma giet akkordata l-istess responsabbilta` lill-istess assigurat taghhom u qabel ma membru tal-familija ta’ l-istess assigurat ha l-inkarigu fuqu biex jirranga l-hsara tal-attur, u mhux lill-attur b’tali konvinzjoni li kellu ragun.

Ghandha tkun cara u distinta fis-sens illi kwistjoni ta’ responsabbilta` hija haga principali u l-ammont talvolta li ghandu jithallas bhala riparazzjoni ta’ hsara hija xi haga indipendenti u sussidjarja u sekondarja ghall-obbligu principali ta’ responsabbilta`. Ghandu jigi ribadit illi l-ammont ta’ hsara qatt m’ghandu jinfluwixxi r-responsabbilta` o meno lil min ghandha tigi akkordata t-tort ghall-istess incident. L-ammont ta’ hsara m’ghandux jinfluwenza r-responsabbilta’ kif ukoll ir-responsabbilta` ma hiex dipendenti fuq il-quantum tad-danni.

Kwistjoni o meno ta’ responsabbilta` ghandha tigi investigata fuq il-post mill-ewwel u jekk l-istess ufficjal ta’ l-assigurazzjoni kien frettuluz u ghaggel biex jakkorda r-responsabbilta` lill-istess assigurat tieghu li kien fl-interess tas-socjeta` li tara u tinvestiga kif suppost tigi ezaminata tali responsabbilta`. Min-naha l-ohra wkoll l-istess missier

tal-konvenut involut fl-incident ma marx semplicement jara kemm hi l-hsara izda mar jara xi hsara kellhom ihallsu huma minghajr ma jinvolvu lis-socjeta` assiguratrici tal-vettura taghhom stess ghar-ragunijiet ovvji imbaghad rinfaccjati bl-ispiza nvoluta din l-istess responsabbilta` ghandha tigi michuda.

F'dan is-sens it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Middlesea Insurance plc vs Anton Schembri" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-17 ta' Frar 2006 fejn tali punt gie investigat come si deve. Anzi f'dak il-kaz ghandu jigi rilevat illi kienet l-istess socjeta` assiguratrici li ippromwovit il-kawza wara li "ab initio" kienet assumiet ir-responsabbilta` ghall-incident.

Fil-kaz odjern sar l-invers. L-attur kellu jipprocedi hu fil-konfront tal-konvenut wara li kien sia l-istess konvenut tramite missieru u gia l-assigurazzjoni tieghu li assumew ir-responsabbilta`.

Jigi innotat illi fil-kaz odjern l-istess konvenut jew is-socjeta` assiguratrici tieghu ma pprocedewx huma kontra l-vettura opposta bhala attur izda illimtaw ruhhom sabiex tiddefendu l-istess assigurat taghha. Jigi ribadit ukoll illi f'tali sitwazzjoni lanqas biss giet formulata kontro-talba ghas-socjeta` attrici. Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt li persuna ghalkemm thoss li ghandha ragun ma tipprocediex hi ghad-dritt taghha u / jew tillimita ruhha biss biex tiddefendi l-kawza m'ghandux ifisser illi qed tirrinega d-drittijiet taghha. Pero` tali azzjonijiet jixhtu dawl fuq il-mens ta' azzjoni ta' l-istess parti.

In vista illi qed jigi dan il-punt deciz f'dan is-sens, it-Tribunal m'ghandux ghalfejn allura jidhol fil-mertu tal-istess responsabbilta`.

Illi d-danni ma gewx kontestati u qed jigu akkordati.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u in vista li l-istess danni ma gewx kontestati, l-istess danni gew akkordati u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba

ta’ elf erba’ mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu  (Lm1499.92), bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------